




INIZJATTIVA TAÇ-ĊITTADINI EWROPEJ

Kif jinġabru l-fondi



TGĦALLEM – IDDISKUTI – IKKONNETTJA – FITTEX PARIR

| WERREJ

Issettjar tal-aġenda tal-Unjoni Ewropea	3
Modi għall-ġbir tal-fondi	4
Modi oħrajn għall-ġbir tal-fondi	7



1

Issettjar tal-aġenda tal-Unjoni Ewropea

Iċ-ċittadini Ewropej għandhom id-dritt li jipparteċipaw fil-ħajja demokratika tal-UE. Wieħed mill-modi kif jitravwem l-involvement taċ-ċittadini fil-politika tal-UE hu l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, għodda unika disponibbli għaċ-ċittadini biex jissettjaw l-aġenda tal-istituzzjonijiet tal-UE.

Jekk iċ-ċittadini organizzati fi grupp ta' organizzaturi jkunu jistgħu jiġbru miljun firma minn tal-anqas seba' Stati Membri fi żmien 12-il xahar, huma jistgħu jistiednu lill-Kummissjoni Ewropea, fil-qafas tas-setgħat tagħha (ara n-nota ta' gwida dwar **Kif tabbozza inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej**), biex tipproponi leġiżlazzjoni bl-għan li timplimenta t-Trattati.

Għal aktar dettalji dwar il-proċedura, jekk jogħġbok irreferi għan-nota ta' gwida dwar il-**Passi proċedurali**.

Preparazzjoni għall-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

Il-fatt li fost l-inizjattivi rreġistrati fl-ewwel ħames snin tal-eżistenza tal-inizjattiva, ħamsa biss għabru b'suċċess miljun firma jindika li l-fażi ta' preparazzjoni hi waħda mill-passi l-aktar kritiċi fil-proċedura. Fondi, riżorsi umani, appoġġ tal-IT, parir legali u tradutturi huma ta' spiss inklużi fl-inputs meħtieġa. L-organizzazzjoni ta' kampanja ta' Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej tiegħu ammont ta' ħin u ta' riżorsi sinifikanti.

Matul il-fażi ta' preparazzjoni, il-ġbir tal-fondi għat-tfassil u t-tmexxija ta' kampanja soda hu ta' importanza kbira u tista' tkun sfida. Għal aktar informazzjoni dwar il-kampanja, jekk jogħġbok irreferi għan-nota ta' gwida **Kif issir kampanja**.

Din tiffoka fuq il-passi differenti biex jinġabru l-fondi sabiex jiġu ffinanzjati l-attivitajiet ta' koordinazzjoni u ta' komunikazzjoni tal-inizjattiva.



Il-membri tal-grupp tal-organizzaturi huma responsabbli b'mod konjunt għal kwalunkwe dannu kkawżat mill-organizzazzjoni tal-inizjattiva u li jirriżultaw minn atti illegali. Madankollu, jekk il-grupp ta' organizzaturi johlq entità ġuridika bbażata fuq ir-regoli ta' wieħed mill-Istati Membri, l-entità ġuridika titqies bħala responsabbli għad-danni li jirriżultaw mill-organizzazzjoni tal-inizjattiva.



2

Modi għall-ġbir tal-fondi

Ittiegħa għal fondi

It-tmexxija ta' kampanja transnazzjonali hi waħda mill-isfidi ewlenin għall-organizzaturi ta' inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej. Mistennija bosta spejjeż mhux biss fil-fażi ta' preparazzjoni iżda wkoll matul il-passi kollha tal-proċedura.

L-ewwel nett, il-multilingwiżmu tal-Ewropa jagħmilha neċessarja li l-informazzjoni kollha relatata mal-inizjattiva tiġi tradotta fil-lingwi uffċjali tal-pajjiżi kollha li fihom l-organizzaturi beħsiebhom jiġbru d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ – innota li l-Kummissjoni Ewropea se tiegħu ħsieb it-traduzzjoni tad-deskrizzjoni tal-inizjattiva. It-tieni, għalkemm il-voluntieri jistgħu jmxu l-kampanja, l-impjegar tal-istaff hu ta' spiża addizzjonali. It-tielet, il-komunikazzjoni hi kruċjali – il-ħolqien ta' sit web, l-immaniġġjar tal-media soċjali u l-organizzazzjoni ta' avveniment ilkoll jimplikaw xi spejjeż. Ir-raba' nett, jekk ikollok bżonn parir legali minn avukati, dan jista' jkun ukoll għali. Jekk l-organizzaturi jiddeċiedu li jipprintjaw dokumenti u fuljetti u jużaw ir-reklamar fuq il-media, l-ispiża tista' tiżdied ukoll.

Nagħtu parir b'mod qawwi lill-organizzaturi li jikkunsidraw il-passi li ġejjin:

Organizzazzjoni ta' alleanza

Kif stabbilit fin-nota ta' gwida dwar Kif tfittex sħab, inizjattiva ma għandhiex titnieda mingħajr ma jkun stabbilit minn qabel network sod ta' sħab (NGOs u organizzazzjonijiet lokali) b'għanijiet u bi preokkupazzjonijiet simili li joperaw kemm fil-livelli lokali kif ukoll internazzjonali. Wara r-reġistrazzjoni tal-inizjattiva l-grupp ta' organizzaturi għandu sitt xhur biex iniedi l-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ. Il-perjodu ta' żmien jista' jintuża mill-grupp ta' organizzaturi biex jikkonsolidaw n-network tiegħu.



Tliet pariri:

1. Kun attiv
2. Kun kreattiv
3. Kun tenaċi



Identifikazzjoni ta' sostenituri potenzjali:

1. Immappa sħab potenzjali relatati mat-tema/l-għan tal-inizjattiva fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropew.
2. Oħloq "lobby ta' ċittadini" biex jiġu appoġġjati inizjattivi lokalment u jiġu identifikati l-aħjar prattiki.
3. Uża l-Forum tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej biex tfittex sħab.
4. Uża r-Reġistru ta' Trasparenza biex tidentifika sħab rilevanti fil-livell tal-UE.
5. Is-settur privat u l-assoċjazzjonijiet tal-industrija għandu mnejn ikunu lesti li jagħtu appoġġ dwar kwistjonijiet li huma allinjati mal-oġġettivi tagħhom.

Abbozza baġit komuni

L-aspettattivi u l-limiti jeħtieġ li jkunu ċari meta jiġi abbozzat il-baġit tal-kampanja.



Suġġeriment

- Appoġġ mhux finanzjarju jista' wkoll jiffranka l-flus lill-organizzaturi. Eżempji ta' appoġġ in natura mill-Kummissjoni jinkludu l-Forum tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, il-provvediment ta' traduzzjoni għall-inizjattivi rreġistrati kollha (it-titlu, l-oġġettivi, l-anness), sistema ta' ġbir online mmaniġġjata direttament mill-Kummissjoni. L-aħħar iżda mhux l-anqas il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew jipprovdi appoġġ komplementari għall-organizzaturi.



Storja ta' suċċess

Stop glyphosate kienet l-aktar inizjattiva ta' suċċess biex jinġabru l-fondi minħabba li l-maġġoranza tal-fondi kienu ġejjin mill-organizzazzjonijiet membri b'saħħithom li kienu qed jappoġġjaw l-inizjattiva.



Storja ta' suċċess

L-organizzaturi ta' Right2Water nedew fond biex jiffinanzjaw il-kampanja tliet snin minn qabel.

Qsim tal-piżijiet

Individwali – fil-maġġoranza tal-każijiet l-organizzaturi nfushom – jistgħu wkoll jikkontribwixxu ammonti żgħar għall-finanzjament tal-inizjattiva. Flimkien ma' assoċjazzjonijiet, il-fondazzjonijiet huma ta' spiss is-sorsi ewlenin ta' finanzjament kif turi l-esperjenza tal-ħames inizjattivi li rnexxew (eż. One of us jew Ban Glyphosate).



Suġġerimenti

- Ftehim bil-miktub li jiddefinixxi l-kontribuzzjonijiet differenti tas-sħab (pereżempju, ħin tal-istaff, attivitajiet ta' komunikazzjoni, flus, eċċ.) biex jiġi evitat in-nuqqas ta' ftehim bejn is-sħab matul il-kampanja.
- Meta jiffirmaw inizjattiva, dawk li jappoġġjawha jistgħu jiġu mistiedna biex jagħtu donazzjoni.
- Uża l-lista tal-indirizzi tas-sħab tiegħek għad-donazzjonijiet.



Storja ta' suċċess

Kull kumitat nazzjonali fformat għall-kampanja One of us ġabar fondi għall-kampanja nazzjonali tiegħu stess. Bl-istess mod, l-organizzaturi ta' Stop vivisection huma tal-opinjoni li l-kampanji nazzjonali jistgħu jiġu ffinanzjati fuq livell nazzjonali.

3

Modi oħrajn għall-ġbir tal-fondi

Finanzjament kollettiv

Wieħed mill-modi l-aktar użati ta' finanzjament ta' proġett jew ta' inizjattiva hu permezz ta' finanzjament kollettiv. Dan hu metodu li bih numru kbir ta' individwi jagħtu flus – normalment ta' ammonti żgħar – biex jiffinanzjaw proġett jew inizjattiva. Dan juża networks wesgħin ta' nies li jintlaħqu permezz tal-media soċjali u ta' siti web speċjalizzati biex jinġabru l-fondi.

Ġbir ta' fondi minn individwi bl-istess interess

Dan il-finanzjament kollettiv speċifiku jimmira li jilħaq udjenza usa' permezz ta' network individwali tas-sostenituri tal-inizjattiva. Individwi jistgħu joħolqu s-sit web tagħhom stess u jixxerjawh man-networks tagħhom (familja, ħbieb, kollegi, eċċ.) biex jaċċessaw appoġġ finanzjarju.

Reklamar

Għalkemm dan mhux dejjem jiġbor ammonti kbar ta' flus, ir-reklamar hu għodda komplementari eċċellenti biex jinġabru l-flus għall-kampanja.

Brazzuletti, t-shirts, fuljetti, kards, brieret, brochures, xalel u materjal ta' reklamar ieħor jistgħu jgħinu kemm biex jittqajjem għarfien kif ukoll bħala flus għall-kampanja.



Siti web ta' finanzjament kollettiv:

1. [CiviCRM](#)
2. [YouCaring](#)
3. [Classy.org](#)



Sponsorship

Il-kumpaniji qegħdin kontinwament jonfqu aktar flus fuq programmi ta' sponsorship korporattivi biex itejbu r-reputazzjoni tal-marka kummerċjali tagħhom u jagħtu attenzjoni lill-udjenza mira tagħhom. Biex tattira l-isponsors, għandek:

- Tkun taf l-udjenza tiegħek: trid tkun taf t-tip ta' sponsors li tixtieq tattira. L-isponsors magħżulin għandu jkollhom valuri f'konformità mal-obiettivi li tkun qed tfitte dx li tilħaq. Għandek tkun taf wkoll it-tip ta' udjenza li tista' toffri lil sponsor. Waħda mir-raġunijiet ewlenin li kumpanija tisponsorja l-organizzazzjoni tiegħek hi biex tikseb attenzjoni minn udjenza li hi għadha ma laħqitx.
- Offri xi ħaġa ta' valur
Il-kumpaniji jridu redditu fuq l-investment tagħhom anki jekk ikun biss f'termini ta' immaġni, responsabilità soċjali korporattiva. Aħdem mal-isponsor tiegħek biex toħolqu pjan ta' kummerċjalizzazzjoni li jkun ta' benefiċċju għat-tnejn li intom.
- Uri l-ideat u l-valuri tiegħek: mhux biss jeħtieġlek tgħid l-istorja tiegħek u tikkonvinċi lill-organizzazzjonijiet biex jempatizzaw ma' dak li qed tagħmel, iżda jeħtieġlek wkoll li turi s-sostenibbiltà tiegħek.

Donazzjonijiet

In-nies li qed jappoġġjaw l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej li qed tipprova tnedi jistgħu wkoll jappoġġjaw il-kampanja tiegħek billi jipprovdu donazzjonijiet. Tista' tiġbor donazzjonijiet permezz tas-sit web tiegħek. Għal dan il-għan, għandek tiżgura li:

- Tispjega b'mod ċar x'tagħmel
- Tiżvela kif huma użati d-donazzjonijiet - Turi l-approvazzjoni ta' parti terza
- Tipprovdi rabta ċara mad-donazzjoni u proċess ta' donazzjoni rapidu



Suġġeriment

- Żomm kont bir-reqqa tal-appoġġ finanzjarju peress li s-sorsi kollha ta' appoġġ u finanzjament b'valur ta' aktar minn EUR 500 għal kull sponsor għandhom jiġu żvelati regolarment matul il-proċedura, mill-anqas kull xahrejn. Għandek ukoll tipprovdi informazzjoni dwar l-organizzazzjonijiet li jassistik fuq bażi volontarja, fejn tali appoġġ ma jistax jiġi kkwantifikat ekonomikament.



Modi alternattivi għall-ġbir tal-fondi:

1. Media soċjali
2. Organizza party
3. Tombla
4. Lotterija
5. Sfidi virali
6. Bar crawl
7. Turnament ta' loġħba fuq bord
8. Turnament sportiv
9. Irkant
10. Serata ta' karaoke
11. Irkant ta' talent



Għal aktar dettalji dwar kif il-ħames inizjattivi li r-nexxew ġabru l-fondi, jekk jogħġbok irreferi għall-istejjer li r-nexxew:

- One of us
- Right2Water
- Stop glyphosate
- Stop vivisection
- Minority SafePack (għadha mhix disponibbli)

L-informazzjoni pprovduta hi indipendenti u ma tistax tiġi kkunsidrata li hi l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea jew ta' kwalunkwe istituzzjoni nazzjonali jew tal-UE oħra. Il-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli minn xi użu li jista' jsir tal-informazzjoni li tinsab hawn.